# L-Ismijiet ta' wħud mit-toroq t'Għajnsielem

*Carmel Rapa*

**Artiklu meħud mill-ktieb tal-Festa 2002**

Fir-raħal tagħna għandna ismijiet ta' toroq li jagħmlu ġieh lir-raħal tagħna. Għandna Triq Chambray li tfakkarna fil-fortizza ta' Chambrai, ċittadella storika li aħna qatt m'apprezzajna l-importanza u l-ġmiel arkitettoniku tagħha.



Għandna jew aħjar kellna Sqaq Balliju, li jagħmel parti mill-istitut ta' San Ġużepp li fih kien jgħix il-Balliju li kien responsabbli għall-bini tac-Ċittadella. Għandna Triq Vilhena fejn għadha wieqfa d-dar tal-villeġġatura tal-Gran Mastru Vilhena. Triq Borg Għarib li hija marbuta mal-leġġenda li ġġib l-istess isem. Triq il-Latini li tfakkarna fid-dgħajjes tal-pass li tant kienu jsebħu l-port tagħna fl-imgħoddi. Sa ftit ta' snin ilu kien hawn Triq l-Imġarr ix-Xini. Dan l-isem inbidel fi Triq Cordina, isem li jfakkana fi bniedem li kien jiġbor il-qbiela mingħand il-bdiewa tagħna.



Għandna Triq Ġużeppi Cali. Hi adattata ħafna għax tfakkarna f'dawk id-disa' biċċiet imprezzabli li ħarġu mill-pinzell ta' dan l-artist kbir u li hemm esebiti fil-knisja l-qadima.Dnub li m'għandniex Triq it-Torri Garzes li nħatt mill-Gvematur Le Merchant biex bena l-arkata li tgħaqqad Triq Sant Antnin ma' Triq l-Imgarr. "Quod non fecerunt barbari fecit La Merchant".

L-ewwel u qabel kollox isem ta' triq għandu jkun relatat mal-post fejn ser tkun ser issir jew għal xi personaġġ importanti. Triq Għajnsielem pereżempju huwa isem bla sens… triq li tieħu minn Għajnsielem għal Għajnsielem. L-isem ta' din it-triq kellu jew għandu jkun Triq Balzunetta għax hekk huma magħrufa dawk l-inħawi.

Triq Chambray tiħdok kullimkien barra fil-fortizza. Fil-bidu ta' din it-triq hemm il-każin tal-Banda San Ġuzepp u fit-tarf l-ieħor hemm l-istitut ta' San Ġużepp, żewġ monumenti li jagħmlu ġieħ lil Monsinjur Ġużeppi de Piro u lil Dun Ġużepp Galea Rapa. Kieku ma kinux dawn iż-żewġ persunaġġi,kieku la għandna banda u l-anqas għandna binja imponenti. Meta ssuġġerejt l-isem ta' Monsinjur Ġużeppi De Piro, infurmawni li hawn triq oħra f' Għawdex li ġġib dan l-isem. Nixtieq inkun naf kemm it-triq oħra f' Għawdex ġġib l-isem ta' Ġorġ Borg Oliver u Manwel Dimech. Jekk l-isem ta' Mon. Ġużeppi De Piro allura kien jixraq almenu l-isem Dun Ġużepp Galea Rapa. Li ssemmi biċċa triq ta' ftit metri ma tkun għamilt ebda ġusstizzja ma' Dun Ġużepp Galea Rapa.

Triq Ħamri setgħet ħadet l-isem ta' Sir Adrian Dingli, personalità ta' fama internazzjonali f'dik li hija ġudikatura. Dr. Bellanti fil-ktieb tiegħu fuq





Sir Adrian Dingli kiteb hekk "*Sir Adrian Dingli was born in that picturesque village overlooking Mgarr Harbour*", jiġifieri fir-raħal tagħna. Dan jew twieled f'dik il-kamra żgħira li sa erbgħin sena ilu kienet għadha teżisti fejn illum hemm dawk l-appartamenti fuq ir-riħ tal-belvedere jew f'dar oħra fi sqaq ta' Triq Hamri li twaqqgħet dan l-aħħar biex tagħmel wisa għall-Lukanda Grand Hotel. Din id-dar kienet tappartjeni lil tabib Malti. Li huwa żgur hu li dan twieled f'dawn l-inħawi.
Triq Malta kellha tkun Triq iċ-Ċagħkija. Ma hemm l-ebda assoċjazzjoni bejn Malta u din il-parti tar-raħal tagħna. Minn żmien żemżem, din il-ħara' kienet iġġib l-isem taċ-Ċagħkija.

Ninżlu aktar l-isfel u nsibu żewġ triqat imsemmija għal żewġ patrijiet. Bir-rispett kollu għal dawn, kien ikun aktar ġust u loġiku kieku ftakarna f' patrijiet li kienu ta' ġieh għal pajjiżna. L-ewwel li jiġi f' moħħi huwa Patri Bonaventura Scicluna, predikatur ta' fama u li ta' ġieħ lil Malta u anke f'artijiet barra minn Malta. Patri Akkursju Xerri li waqqaf il-Kulleġġ Sant Antnin u bħala editur tal-Gazzetta 'Għawdex' għamel minn kollox biex jinbotta 'l quddiem lir-raħal tagħna.

Huwa ngrat il-fatt li ħadd ma ġieh f'moħħu l-Arċipriet Dun Saver Cassar li fi żmien l-okkupazzjoni Franċiża ħadem kemm felaħ biex il-Franċiżi jħallu xtutna. Kien anke gvernatur tal-ġzira u spiċċa Arċipriet tal-katidral. Fir-raħal fejn tgħammed semmew Triq għalih, iżda f'Għajnsielem fejn twieled u għex, disgħa u disgħin fil-mija tal-poplu ma jafx bih. Nisperaw illi xi darba tissemma triq għalih qrib it-torri ta' Santa Ċeċilja fejn hemm dak il-kumpless ta' bini.

Hemm aktar ismijiet ta' toroq strambi iżda l-prudenza titlob biex nieqfu hawn. Hawn inħallu għal min hu ġej warajna. Iżda hemm bżonn li aħna nqumu mill-bruda u mill-indifferenza tagħna lejn il-postijiet storiċi tagħna biex hekk il-ġenerazzjoni futura ma jkollhiex għalfejn tikkritikana kif aħna kkritikajna lil dawk li ġew qabilna.

